MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2015

Numru. 1207/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**JOSEPH CAMILLERI**

**(ID: 501259M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOSEPH CAMILLERI** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 501259(M) gie mressaq quddiemha w akkuzat talli nhar it-0 t'Ottubru 2013 fil-Qorti ta' Malta, fil-Belt Valletta:

1. Ta xhieda falza fi proceduri kriminali dwar reat;

2. Halef falz quddiem Magistrat li ghandu s-setgha bil-ligi li jaghti gurament.

Il-Prosekuzzjoni talbet li f'kaz ta' kundanna, tapplika espressament il-piena ta' interdizzjoni generali.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat a fol. 7, stqarrija a fol. 9 et seq., okkorrenza a fol. 12 et seq, Fedina Penali a fol. 8 u Kunsens ta' l-Avukat Generali datat 4 ta'Dicembru 2013, fejn qieghed jaghti l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim' Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

**L-Ispettur Kylie Borg** xehdet nhar 19 ta' Gunju 2014 fejn iddikjarat li nhar l -4 t' Ottubru 2013 kien dahal rapport gewwa l-Ghassa tal-Belt Valletta, fejn kienet ghadha stazzjonata sa dak iz-zmien, fejn is-Sur Giuseppe Camilleri (il-kwerelant) ilmenta rigward xhieda li kienet inghatat il-Qorti mis-Sur Joseph Camilleri (l-imputat). Giuseppe Camilleri rraporta illi quddiem il-Magistrat Francesco Depasquale huwa kellu kawza kontra tieghu fejn kien gie akkuzat illi kien qed isuq b'mod perikoluz u kienet involuta ukoll certu Jacqueline Camilleri.

Is-Sur Giuseppe Camilleri kompla jghidilha illi Joseph Camilleri kien qal, waqt li kien fuq il-pedana tax-xhieda, illi kien fuq il-post tal-incident mentri meta kien ghaddej hu (Giuseppe) fuq il-post tal-incident ma setax jara lil Joseph Camilleri. Sussegwentement huwa stqarr ukoll illi fis-sentenza illi kien ta l-Magistrat Depasquale datata 2

ta' Ottubru 2013 hemm indikat li l-imputat ma kienx kredibbli fix-xhieda tieghu.

Ix-xhud esebiet din-is-sentenza li giet immarkata bhala dokument KB.

Ix-xhud qalet li f'din is-sentenza l-Magistrat Depasquale qal illi x-xhud Camilleri (b'referenza ghall-imputat odjern) ma kien jaf assolutament xejn u ma kien xejn kredibbli. Ix-xhud esebiet ukoll kopja tal-verbal tal-istess kawza li kienet ghaddejja datata 2 ta' Ottubru 2013 li gie markat bhala dokument KB 1.

Ix-xhud kompliet tghid li l-istess Magistrat Depasquale kien fil-fatt kecca lix-xhud (*qua* imputat odjern) ‘il barra mill-Awla peress illi hass illi x-xhud ma kienx kredibbli. Sussegwentement fil-11 ta' Ottubru, 2013 qalet li kienet baghtet ghal Joseph Camilleri illi gharfet hawnhekk prezenti fl-Awla fejn haditlu stqarrija wara li kien kellem lill-Avukat tieghu Dr. Robert Piscopo qabel ma bdiet l-interrogazzjoni. Ix-Xhud gharfet il-firem taghha, ta' Joseph Camilleri kif ukoll ta' PC 614 Pullicino fuq it-tliet faccati tal-istqarrija, fejn kien qal effettivament illi kien qieghed fuq il-post tal-incident u kien qieghed jara x'gara.

Ix-Xhud kompliet billi qalet illi l-imputat ikkonferma maghha li kien qieghed fi sqaq fin-Naxxar bejn ghelieqi, kien qieghed fuq il-post u ra lil Giuseppe Camilleri gej b'daqsxejn *speed* eccessiv. Tiela’ ‘l fuq minn dan l-isqaq kien hemm Jacqueline Camilleri u t-tlett (3) itfal taghha u kien ghoddu tajjarhom. Fil-fatt kien ukoll pingielha dan kollu li qieghda tghid fuq karta *rough* illi esebiet biex anke l-Qorti tifhem u dan id-dokument qieghed jigi mmarkat bhala KB3.

Meta x-xhud kienet ikkonfrontatu bil-fatt illi kemm il-Magistrat Depasquale kif ukoll il-kwerelant, il-mara tal-kwerelant u z-zewgt (2) itfal tal-kwerelant kienu qeghdin fl-istess vettura misjuqa mill-kwerelant Giuseppe Camilleri, kienu qalu li effettivament ma rawhx

fuq il-post, huwa kien innega u qal li hu kien hemm u x'qed jghidu huma ma kienx jaf.

Meta x-xhud staqsietu wkoll jekk kienx jaf kemm kien hemm nies fil-vettura tal-kwerelant huwa qalilha li ma jafx ezatt pero' ra l-kwerelant u wahda mit-tfal tieghu. Lill-mara tal-kwerelant fuq quddiem ma rahiex u jghid li ra tifla wahda meta effettivament kien hemm tnejn (2). Sussegwentement inhargu l-akkuzi fil-konfront tieghu.

Ix-xhud tghid li mistoqsi jekk giex stabbilit li fil-konfront ta' xulxin u cioe' l-imputat u l-kwerelant hemmx kawzi ohra, x-xhud kompliet tghid li bhala kawzi *per se* ma giex stabbilit li hemm, pero' kemm l-imputat kif ukoll il-kwerelant qalulha li kien hemm disgwid bejniethom.

Mistoqsija jekk l-imputat inghatax id-dritt tal-avukat qabel ma hadet l-istqarrija tieghu qalet li iva w fil-fatt kien tkellem ma' Dr. Robert Piscopo u fil-fatt dan jirrizulta wkoll mill-istqarrija rilaxxata minnu fil-11 ta' Ottubru, 2013.

**Giuseppe Camilleri** xehed nhar id-19 ta' Gunju, 2014 fejn qal li kellu proceduri pendenti l-Qorti liema proceduri kienu nfethu fuq rapport ta' Jacqueline Camilleri. Qal li fil-fatt dawn kienu proceduri tat-

traffiku pendenti quddiem il-Magistrat Francesco Depasquale, w kompla jghid

li fil-fatt Jacqueline Camilleri kienet harrket lill-imputat odjern Joseph Camilleri, li jigi kugin tieghu, biex jixhed f'dawn il-proceduri.

Jghid li fil-fatt l-imputat odjern kien stqarr quddiem il-Magistrat Depasquale li huwa kien prezenti meta kien hemm l-allegat rapport li kien se jtajjar xi tfal ta' Jacqueline Camilleri meta fil-fatt mhux minnu li huwa kien prezenti dakinhar. Zied illi meta l-imputat tela' jixhed il-Qorti, il-Magistrat ma emmnux tant li kien keccieh 'il barra.

Mistoqsi jekk hemmx parentela bejnu w bejn Jacqueline Camilleri qal li Jacqueline hija mizzewga lit-tifel ta' huh. Qal ukoll illi l-incident originali kien jikkoncerna li hu kien fil-lokalita' tan-Naxxar fejn fil-fatt ghandu *farmhouse*. Dakinhar fuq il-post kien hemm ix-xhud Jacqueline Camilleri u zewgt (2) itfal taghha u jikkonferma bil-gurament tieghu li l-imputat ma kienx hemm zgur.

Meta gie mistoqsi kemm kien hemm tfal ma' Jacqueline qal illi m'huwiex cert, tnejn (2) zgur pero'. Jghid li kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Land Rover u mieghu kien hemm il-mara u z-zewgt (2) itfal tieghu Diane u Caroline. Ix-xhud qal ukoll li r-razzett tieghu fil-fatt ghandu *gate* u l-*gate* jopera bir-*remote control*. Dakinhar kien sejjer

fir-razzett tieghu, fetah il-*gate*, tela’ r-rampa, ra lil Jacqueline bit-tfal fil-vicinanzi u baqa’ jsuq ghal gol-ghalqa tieghu, fejn baqa’ jaghmel ix-xoghol normali hemmhekk. Dakinhar jaf li ghaddiet mill-moghdija mill-ghalqa tieghu. Qaghdet tippassigga fil-moghdija tiffastidjah pero' la hi ma kellmet lilu w lanqas hu ma kellimha. Imbaghad sussegwentment sar jaf b'dan ir-rapport li ghamlet fil-konfront tieghu.

Mistoqsi jekk hemmx xi *garages* fil-vicinanzi qal li hemm il-garaxx tieghu mat-triq u faccata hemm xi tliet (3) garaxxijiet ohra li huma fil-propjeta' tieghu, pero' wiehed minnhom tuzah Jacqueline stess u l-iehor juzah l-imputat Joseph Camilleri.  Kompla jghid li quddiem il-garaxx tal-imputat kien hemm karozza li kienet tigi uzata minn Jacqueline Camilleri.

Mistoqsi x'tip ta' karozza kienet qal li llum il-gurnata ma jiftakarx. Stqarr li Jacqueline Camilleri fl-ebda hin ma kellmitu dakinhar tal-incident u qatt ma regghet tkellmet fuq dan l-incident salv meta xehdet quddiem il-Magistrat Depasquale.  Jghid li lanqas l-imputat ma kellmu peress li ghandhom garanzija li huma ma jkellmux lil xulxin.

Ix-Xhud kompla jixhed in kontro ezami fejn qal li effettivament hu ghandu kawza civili wkoll fil-konfront tal-imputat.  Ikkonferma li huwa minnu li l-Magistrat Depasquale ma ordna l-ebda proceduri fil-konfront tal-imputat u kien hu  stess li ghamel rapport l-Ghassa.

Ikkonferma wkoll li ghandhom kwistjonijiet bejniethom pero' r-rapporti huma bejnu u bejn l-imputat.

**Yvonne Camilleri** xehdet li fid-19 ta' Gunju, 2014 fejn qalet li hi mart il-kwerelant Giuseppe Camilleri w tiftakar illi guranta minnhom hi kienet qed takkumpanja lir-ragel fil-Land Rover tieghu u maghhom fil-karozza kien hemm iz-zewgt (2) itfal taghhom Diane u Caroline u kienu sejrin fl-ghalqa biex jaghmlu xi xoghol. Ix-xhud qalet illi biex tidhol fl-ghalqa taghhom hemm kancell li jopera bir-*remote control* u huma ghalhekk fethu l-*gate* permezz tar-*remote* u kienu dehlin fl-ghalqa taghhom. Dak il-hin raw lil Jacqueline hdejn il-karozza

taghha. Daru ftit ghax trid iddur biex tidhol fl-ghalqa taghhom u raw lil uliedha. Baqghu sejrin u waslu fl-ghalqa taghhom u bdew jaghmlu x-xoghol. Ix-xhud kompliet tghid illi Jacqueline ghaddiet kemm-il darba fil-moghdija tal-ghalqa taghhom, pero' huma ma tkellmux ma' xulxin u dik marret hdejn ir-ragel taghha u missierhom li ghandhom ghalqa aktar 'il fuq u huma baqghu ghaddejjin bix-xoghol.

Certa li dakinhar, zgur ma kien hemm hadd iehor apparti Jacqueline u wliedha, w lanqas quddiem il-garaxxijiet li hemm hdejhom. Tghid li klieb taf li kien hemm, li wkoll kienu msakkrin, u tghid li dawn il-klieb fil-fatt jappartjenu lil Joe Camilleri.

**Caroline Camilleri** xehdet nhar id-19 ta' Gunju, 2014 fejn qalet li tiftakar li gurnata fost l-ohrajn kienet riekba fil-*Land Rover* flimkien mal-genituri taghha w m'ohtha sejrin lejn l-ghalqa taghhom fin-Naxxar. Tghid li biex tidhol gol-ghalqa taghhom hemm kancell li huwa operat bir-*remote control* u tghid li meta waslu fil-vicinanzi ghafsu r-*remote control* u l-*gate* infetah u bdew dehlin f'dan il-kancell biex immorru fl-ghalqa. Tispjega illi fil-genb kien hemm Jacqueline ma' wliedha w huma baqghu tilghin b'mod normali. Fl-akwati pero' ma raw lil hadd iktar apparti dawn in-nies. Meta x-xhud giet mistoqsija jekk tafx lill-imputat odjern, qalet illi kienet tafu u dan ghaliex huwa l-kugin ta' missierha w li jismu Joe Camilleri. Sahqet li dakinhar zgur li ma kienx fl-akwati, u sa fejn taf hi dakinhar hadd ma kien tkellem mal-genituri taghha.

Ix-xhud kompliet tghid li l-Qorti telghet darb' ohra biss u dan biex tixhed f'kawza ohra. Qalet ukoll illi taf li l-imputat ghandu xi raba'

fil-vicinanzi, w li biex tidhol fl-ghalqa hemm speci ta' telgha. Qalet li l-gholja m'hijiex daqshekk gholja w ghalhekk min ikun isfel jara lil ta' fuq u min ikun fuq jara lil t'isfel. Hemm pero' certu hitan li jostakolaw il-vizwali. Mistoqsija jekk verament hemmx hafna sigar qalet li le m'hemmx hafna, hemm tnejn (2) biss u qalet li d-distanza li qed jitkellmu dwarha hija ghoxrin (20) metru. Huwa veru wkoll li s-Sur Camilleri hemmhekk ghandu garaxx u li jahdem fih kuljum.

**Diane Camilleri** xehdet fid-19 ta' Gunju, 2014 fejn qalet li hi kienet riekba flimkien m'ohtha w mal-genituri taghha fi triqithom lejn l-ghalqa taghhom. Qalet ukoll li biex tidhol fl-ghalqa taghhom hemm kancell u dan jahdem permezz tar-*remote control.* Tghid li proprja meta kienu telghin lejn ir-razzett taghhom raw li kien hemm Jacqueline Camilleri flimkien mat-tfal taghha u ma jidhrilhiex li kien hemm xi nies ohrajn fil-vicinanzi.

Mistoqsija jekk tafx min hu l-imputat wiegbet iva, u li fil-fatt huwa Joe Camilleri li jigi l-kugin ta' missierha. Mistoqsija mill-Qorti jekk kienx hemm fil-gurnata msemmija qalet li ma jidhrilhiex. Tghid li huma baqghu telghin ghall-eghlieqi taghhom u baqghu jahdmu b'mod normali. Mistoqsija jekk Jacqueline Camilleri tkellmitx ma' missierha dakinhar qalet illi le, pero' taf li ghaddiet minn hdejhom tippassigga. Mill-ghalqa taghhom hemm vizwali tajba fis-sens li tista' tara kullimkien. Kompliet tghid li huma u telghin fl-ghalqa taghhom tkun tista' tara jekk hemmx nies ohrajn fl-akwati u hi waqt li kienet hemmhekk lil Jacqueline u lil uliedha biss rat. Spjegat li hdejn din l-ghalqa hemm bini baxx. Qalet illi l-bini li hemm fil-madwar huwa gholi ta' cint. Ma jidhrilhiex li hemm bini ta' sular gholi. Ix-xhud qalet li ma telghetx tixhed quddiem il-Magistrat Depasquale. Taf li missierha kien kellimha w beda jghid li Joe ma kienx hemm dakinhar ta' dan l-incident u taf li effettivament missierha kien iddiskuta dak li kien gara quddiem il-Magistrat Depasquale. Ix-xhud qalet li hi mizzewga w ma tghixx m'ommha, missierha w ohtha, pero' tikkonferma li dakinhar kienet mal-genituri taghha.

Meta giet mistoqsija jekk effettivament missierha kellimhomx fuq dan l-incident qabel ma telghet tixhed quddiem il-Magistrat Depasquale qalet li jista' jkun pero' mhijiex certa dwar dan. Kompliet tghid li ma telghetx tixhed quddiem il-Magistrat Depasquale ghax hadd ma qallilha li kellha titla' w ma rceviet l-ebda tahrika. Ix-xhud taf li l-imputat ghandu garaxx hemmhekk pero' x'jaghmel ma tafx.

Meta giet mistoqsija jekk tafx hemmx kawzi bejniethom u l-imputat qalet li hemm. Tghid li lejn l-ghalqa taghhom, fuq naha minnhom hemm bini w l-ghalqa hija kbira hafna w fil-vicinanzi tara bic-car u jekk tkun hdejn ir-rampa tkun tista' tara. Tkompli li huma w sejrin lejn ir-rampa jkollok vizwali cara w tara kollox. Meta inti mbaghad tikser fir-rampa hemm certu postijiet li ma tistax tara bic-car. Qalet ukoll li wara l-eghelieqi hemm sigar, hemm xi wahda int u tiela’ fuq ir-rampa fuq in-naha opposta hemm sigra wahda u kif tidhol fir-razzett hemm il-qasab mal-genb.

**PC 614 Stilike Pullicino** xehed fit-22 ta Lulju, 2014 fejn gie muri l-istqarrija rilaxxata f'dawn l-atti mmarkata bhala dokument CSH a fol. disgha (9) tal-Process datata 11 ta' Ottubru 2013. Ix-xhud qieghed jaghraf din l-istqarrija u l-firma tieghu fuq kull faccata taghha. Kompla jghid li din hija l-istqarrija rilaxxata minn Joseph Camilleri l-

imputat li qed jaghraf prezenti fl-Awla fejn qal li din l-istqarrija giet rilaxxata b'mod volontarju.

**Dr. Christian Grima** xehed fl-14 ta' Ottubru 2014 fejn gie ezentat mis-sigriet professjonali tieghu minn Joseph Camilleri li huwa l-kwerelant u qal li kien hemm akkuza quddiem it-*traffic sitting* fejn gie allegat illi l-klijent tieghu Joseph Camilleri kien saq b'mod perikoluz fil-konfront ta' terzi. Ix-xhud qal li r-rapport kien tratta li huwa saq b'mod perikoluz ghal wahda mill-girien tieghu. Ix-xhud stqarr li ra s-sentenza esebita f'dawn l-atti a fol. 20 tal-Process liema sentenza hija datata 2 ta' Ottubru, 2013 u kien prezenti w iddefenda lill-imputat li dak iz-zmien kien klijent tieghu. Wiehed mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni kien l-imputat odjern Joseph Camilleri u dan kien qal li ra l-manjiera tas-sewqan li allegatament kellu l-kwerelant Joseph Camilleri.

Dr. Grima kompla jghid li waqt il-kontro-ezami hu beda jallega li allegatament ma kienx possibbli li l-imputat odjern seta' jara dak li effettivament stqarr dwar il-klijent tieghu, ghaliex huwa kien aktar 'il fuq u ma kellux *line of vision* ghaliex it-trejqa kienet imdawra. Komp-la li peress li nqalghat certu kommozzjoni fl-Awla, l-Magistrat kien wissa lill-imputat bil-konsegwenzi ta' gurament falz, u bazikament il-Magistrat qallu li ma kienx qed jemmnu ghaliex kien impossibbli (meta huwa ra r-ritratti tal-post kif kien), kien impossibbli li huwa fil-fatt kien ra dak li xehed dwaru. Kien ghalhekk li gie deciz li ghandhom

jittiehdu proceduri fil-konfront tal-imputat odjern ghall-gurament falz.

**Joseph Camilleri** l-imputat xehed fid-19 ta’ Jannar, 2015 u meta gie muri l-istqarrija esebita fl-atti a fol. 9 tal-Process jghid li din hi l-istqarrija tieghu, u li meta rrilaxxjaha ma kellu l-ebda biza', w dak li qal huwa minnu w ikkonfermah fl-intier tieghu. Kollox kien verita'. Jghid li dehrlu li kellu jikko-opera mal-Pulizija w qal dak li qal fl-istqarrija tieghu ghaliex hu kien xhud u ma kellu l-ebda biza' li jghid dak li ra. Kompla jghid li dak il-hin meta nqala' l-incident hu kien fuq il-wara tal-vann. Ix-xhud qal li kien qed idur mal-vann u f'hin minnhom ra lil Jacqueline mat-tfal u fl-istess hin ra lil Giuseppi Camilleri tiela’ bil-vann tieghu. Fid-daqqa w il-hin ra lil Jacqueline tingibed lura bit-tfal u fil-fehma tieghu dakinhar Giuseppi ma telax kif kellu jitla' minn din ir-rampa, u wara jaf li Jacqueline marret tkellmu u marret tkellem lil zewgha w lil missieru. Meta ra lil Jacqueline Camilleri, din kienet riesqa lejh, pero’ ghal darb'ohra zied li ma tax kaz jekk kienx hemm il-mara ta' Joseph Camilleri riekba mieghu fil-karozza, izda jaf li kien hemm tifla mieghu. Jghid li hu kien in-naha tax-xufier u jekk ikun hemm passiggier, ikun fuq in-naha l-ohra. Jghid li l-Land Rover hija wahda maghluqa. Ix-xhud qal li ra lil Joseph Camilleri mit-tieqa ta' wara u sostna li effettivament tifla wahda ra fil-vann. Stqarr li kieku llum kellu jerga' jixhed, lill-Avukat ma jghidlux li l-

kwerlant kien qed jigdeb, izda li kien qed jizbalja, ghax fil-verita' hu kien hemm mija fil-mija (100%).

Mistoqsi jekk effettivament il-Magistrat qallux xi haga ohra meta kien qed jixhed fl-Awla l-ohra qal li meta l-Avukat staqsih:"*Kieku kelli nghidlek li effettivament ma kontx hemm*?", huwa dak il-hin haseb li l-avukat kien qed jigdeb. Kompla li dak il-hin qam il-Magistrat, dar fuqu w qallu biex johrog ‘il barra ghax iwaddbu l-habs u fil-fatt hareg

jibki mill-Awla u dan ghaliex hu kien xhud. Kompla jghid li dakinhar hu kellu jkun ippattrocinat minn Dr. Robert Piscopo pero' dan ma marx u baghtlu lil haddiehor u allura kien konfuz u rrabbjat. Ix-xhud kien tal-opinjoni li meta l-Magistrat ra li kien irrabbjat seta' haseb li kellu xi haga ghalih, meta fil-fatt ma kellu xejn ghalih, u x-xhud qal li fil-fatt lill-Mulej jitolbu biex jahfirlu.

Mistoqsi ghaliex hu ma wegbux meta l-Ispettur staqsih jekk ghandux problemi ma' Giuseppe, qal li effettivament huwa w Jacqueline ghandhom l-istess problemi ma' Giuseppe. Qal ukoll li dakinhar fuq il-post kien hemm Jacqueline u t-tfal li rawh hemm, jigifieri Jacqueline ma kinitx wahedha imma kienet mat-tfal. Sostna li meta nqala' l-incident kien ma' Jacqueline, pero' meta xehdet fil-Qorti ma kienx maghha. Il-Land Rover ta' Giuseppe kienet wahda blu mill-qosra. Jghid li hu kien qieghed hdejn il-garaxx tieghu hdejn il-vann u minn hemm lil Camilleri seta’ jarah facilment. Is-sigra li hemm kienet

warajh. Ix-xhud jghid li hu u Giuseppe ma jitkellmux. Sahaq li meta xehed fil-Qorti, xehed dwar dak li kien ra. Spjega li hdejn il-post fejn sehh l-incident hemm grada, una volta tinfetah il-grada hemm speci ta' telgha nhux twila wisq u trid iddur mal-lemin qisu 90° u kien minn hemmhekk li ghadda Giuseppe.

**Norbert Camilleri** xehed fit- 3 ta Marzu 2015, fejn qal li hu joqghod is-Salina, fejn ghandu l-ghalqa l-imputat u kkonferma li jiftakar l-incident in kwistjoni. Ix-xhud qal li dakinhar missieru kien qieghed fl-ghalqa tieghu, li tigi 'l fuq minn dik tal-imputat, u hu mar hdejh. Hu u tiela' jiftakar li kien hemm il-vann tal-imputat ipparkjat taht is-sigar u jaf li kien qed jaghlef xi klieb. Jghid li baqa’ tiela' u wara xi ftit

minuti kienet marret martu b'xokk qawwi fuqha w qaltlu li Joe (fis-sens tal-parte civile) kien ha jtajjar lit-tfal taghhom u hu qalilha biex ma tinkwetax u jmorru jaghmlu rapport. Missieru pprova jikkalma s-sitwazzjoni u sussegwentement nizlu lura ma' missieru. Kienet il-mara tieghu stess li marret taghmel rapport. Din kienet qaltlu li kienet tkellmet mal-imputat u li dan kien qalilha li ra l-incident kollu.

Ix-xhud kompla jghid li l-parte civile huwa bniedem li jaqla’ l-inkwiet ma’ kull min ikollu x'jaqsam, dejjem jaqla’ l-inkwiet u jhammeg lil kulhadd. Ix-xhud esebixxa dikjarazzjoni li ghamlu l-genituri tal-parte civile, John u Antonia Camilleri, fil-konfront ta' binhom Joseph Camilleri li huma xtaqu jirtiraw il-prokura li kienu ghamlulu peress li

ma kellhom aktar fiducja fih. Dan id-dokument gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument Z. Esebixxa wkoll rapport li kien ghamel missier il-kwerelant fuqu stess nhar it-18 ta' Dicembru, 2009 u dan gie mmarkat mill-Qorti bhala dokument X.

Ix-xhud tenna illi l-imputat fil-fatt huwa z-ziju tieghu tar-rispett u l-mara tal-imputat fil-fatt hija oht ommu. Qal ukoll li hu qatt ma kellu xi jghid mal-imputat. Mistoqsi kif effettivament gew ghandu dokument X u Z qal li dawn gew moghtija lilu minn ommu w missieru w ghamlu referenza ghalihom f'kawzi ohra. Effettivament il-parte civile fethet diversi kawzi mhux din biss. Spjega li l-parte civile fil-fatt jigi hu missieru. Jghid li missieru huwa z-zghir u l-parte civile huwa l-kbir fost l-ahwa. Ix-xhud jghid li kull ma ra dakinhar huwa lill-imputat jaghlef il-klieb u lill-parte civile tiela' bil-karozza tieghu. Anzi qal illi fil-fatt ix-xhud lill-parte civile ma rahx tiela' bil-karozza tieghu, ra biss illi l-imputat kien ipparkjat bil-karozza tieghu taht is-

sigra u jaghlef il-klieb. In segwitu’ ra lill-istess imputat tiela' ghax kien qabizhom. Dwar l-incident tat-tfal huwa ma rax dak li qal martu.

Meta rega’ xehed in ri-ezami fl-istess seduta tat-3 ta’ Marzu 2015 x-xhud gie muri dokument S li hija dikjarazzjoni ffirmata li ggib id-data tal-ewwel (1) ta' Frar, 2010. Qal li effettivament din id-dikjarazzjoni kienet saret mill-genituri tal-parte civile u dan ghaliex il-parte civile kien gideb lill-Pulizija tal-Mosta u sussegwentement gie mressaq il-

Qorti fuq gurament falz. Sussegwentement il-parte civile qal li kien se jaqsam ir-raba' kollha u gieghel lill-partijiet kollha jiffirmaw il-karta Dok. P.

**Jacqueline Camilleri** xehdet fit-3 ta'Marzu 2015 u spjegat li hi kif taghmel is-soltu, dakinhar kienet ghadha gejja lura d-dar miz-zfin bit-tlett (3) itfal taghha. Tnejn (2) minnhom kienu diga' nizlu mill-karozza u spjegat li peress li huma joqghodu qalb l-eghlieqi kienu *safe* li jinzlu. Ix-xhud qalet li huma joqoghdu faccata tar-rampa w fil-fatt il-karozza taghha pparkjatha taht it-tieqa tad-dar . Tghid li lit-tifla l-kbira qaltilha biex tbiddel iz-zarbun tal-*jazz* qabel ma tinzel, u waqt li din kienet qed tbiddel, rat lill-parte civile tiela' bil-Land Rover b'sewqan eccessiv. Tghid li generalment huma din ir-rampa jitilghuha bil-mod. Dak il-hin marret tahtaf lit-tfal li kienu qeghdin jistennewha u gibdithom 'il gewwa. Cio' nonostante l-parte civile Joseph Camilleri baqa' tiela' safejn kellu jmur.

Ix-xhud kompliet tghid li l-imputat fil-fatt ghandu garaxx u huma jridu jghaddu minn quddiemu. Ziedet tghid illi dakinhar Joe Camilleri l-imputat kien qieghed wara l-vann tieghu tal-ghamla Isuzu u kulhadd

rah, inkluz it-tfal, u fil-fatt dak il-hin hi daret fuqu w qaltlu "temmen, rajtun?!" Ix-xhud stqarret li qabdet it-tfal u baqghu telghin l-ghalqa fejn kien hemm zewgha w missieru. Naturalment rawha mahsuda w spjegatilhom x'kien gara, u dak il-hin ir-ragel taghha qalilha biex tmur

taghmel rapport l-ghassa, pero' hi dak il-hin ma marritx ghaliex missier ir-ragel taghha zammha, u dan peress li diga' ghandhom diversi kawzi mal-parte civile. Ghaldaqstant dak il-hin iddecidiet li ma tmurx taghmel rapport. Wara ftit zewgha kellu habta kbira w kien hemm pulizija w qaltlu fuq din il-kwistjoni w staqsietu jekk setghetx taghmel rapport xorta. Dan staqsiha kemm kien ghadda zmien u meta qaltlu li kienu ghaddew xi gimghatejn jew tlieta, qalilha li tista' taghmlu w fil-fatt hekk ghamlet.

Tikkonferma li dak il-hin tal-incident lill-imputat kienet kellmitu w fil-fatt qaltlu "temmen, rajtu?" u dan b'referenza ghall-fatt li l-parte civile kien saq fuq it-tfal u kieku ma gibdithomx lura kien jolqothom. Tghid li dak il-hin Joe Camilleri, l-imputat odjern, wegibha li kien rah tiela' lill-parte civile u skond hi dan kien ovvju. Izzid li wliedha wkoll rawh lill- imputat hemmhekk u fil-fatt bintha li llum ghandha disa' snin ukoll rat dan l-incident.

Qalet li l-parte civile ghandu diversi kawzi kemm maghhom u anke ma' nies ohrajn u dan ghax jghid li l-akkwati hemmhekk huma kollha tieghu.

Ix-xhud stqarret li taf li fuq il-post kien hemm il-parte civile flimkien ma' martu u z-zewg (2) uliedu li ma tafx x'jisimhom. Tghid li l-vann tal-imputat huwa griz tal-marka Isuzu u tikkonferma li biex tidhol

ghall-post taghhom hemm xatba li tinfetah bir-remote u li dakinhar kienet miftuha peress li kienet ghadha kemm dahlet minnha hi w kienet ghadha miftuha. Ix-xhud tghid li pparkjat quddiem id-dar ghax kien ghadu temp sabih.

Ix-xhud giet mistoqsija biex tikkonferma ftit ir-rampa kemm hi wieqfa jew gholja, fejn wiegbet li f'dik il-parti fejn rat lil Giuseppe Camilleri ma hiex gholja. Hawnhekk ix-xhud tat lill-Qorti deskrizzjoni tal-post in kwistjoni.

Ix-xhud giet mistoqsija jekk waqt is-seduta tal-Qorti fejn Joe Camilleri llum parte civile kien imputat, kinitx il-hin kollu fl-Awla, wiegbet li le u kienet dahlet biss biex tixhed. Ix-xhud kompliet tghid li dak kien l-unika rapport li hi ghamlet u dakinhar tal-Qorti fil-fatt huma kienu minghajr avukat ghaliex l-avukat taghhom ma giex u tahom numru t'avukat iehor li ma kien jaf xejn dwar il-kaz u ma setghux jinfurmawh x'gara w ma garax. Ix-Xhud qalet li dakinhar giet imkeccija 'l barra ukoll.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza w dan fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2015 fejn l-istess partijiet awtorizzaw lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' kif sehhet il-grajja, dik proposta mill-allegat kwerelanti, li fi ftit kliem jghid li l-imputat ma kienx hemm meta ghadda mit-trejqa li taghti ghall-ghalqa tieghu - u ghalhekk mhux minnu dak li qal fil-Qorti li huwa rah isuq b'velocita' qawwija - w dik proposta mill-imputat li jghid li huwa kien hdejn il-van tieghu ftit 'il fuq mit-trejqa minn fejn ghadda l-kwerelanti flimkien ma' bintu w martu w ra li kien hemm Jacqueline Camilleri fl-akwati mat-tliet uliedha w li kieku ma lahqitx gibdet it-tfal kien itajjarhomlha.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda w dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, l-kondotta w il-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti, w ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-**Artikolu 637 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjuza ghal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, w dan ghaliex hija ghexet il-process tul medda ta' zmien u ghalhekk hija f'posizzjoni, wara li semghet ix-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, li tezamina l-imgieba w il-komportament taghhom, stante li kienet hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud fid-data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le. Oltre dan kienet il-Qorti stess li accediet fuq il-post fejn kien hemm dan l-allegat sewqan, u dan sabiex tara *icto oculi* il-vista li kien hemm fl-akwati kemm *vis a vis* il-vista tal kwerelant kif ukoll dik ta' l-imputat.

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri w dan

ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu *Diritto Penale Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890*:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Il-Qorti ghalhekk innotat li dan il-kaz jiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant lil minn jaghti affidament miz-zewg versjonijiet daqsxejn opposti. Iz-zewg protagonisti, l-imputat kif korroborat minn Jacqueline Camilleri u Norbert Camilleri, u l-kwerelant kif korroborat minn martu w sa certu punt biss minn uliedu, jaghtu verzjonijiet opposti dwar il-fatti mportanti ghal dan il-kaz, u ghalhekk wahda minn dawn ix-xhieda ghandha tigi skartata jew ahjar mhux emmnuta *in toto*, eskluza naturalment il-possibilita' tad-dubbju ragjonevoli li jmur favur l-imputat.

L-imputat fl-ewwel lok gie akkuzat bir-reat li ta xhieda falza fi proceduri kriminali, kif dispost fl-**Artikolu 105 tal-Kodici Kriminali.**

Illi ghalhekk il-Qorti trid tara jekk dak li qal l-imputat Joseph Camilleri fil-Qorti fil-proceduri kontra l-kwerelant Giuseppe Camilleri, li sehhew fit-2 ta' Ottubru 2013, jikkostitwixxux gurament falz ai termini **tal-Artikolu 105** tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hawnhekk qabel xejn tirrileva li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, waqt li d-Difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'. F'dawn il-kazijiet fejn ix-xhieda li qed ssir referenza ghaliha ma ttehditx bil-miktub, ma jfissirx li ma tikkostitwixxix prova, kif donnu allega l-Avukat Difensur, u dan ghaliex il-Qorti ma tkunx tista' tikkontrollaha. Izda l-Ligi tezigi, sabiex wiehed jinstab hati ta' xhieda falza f'gudizzju kriminali, li l-Qorti jkollha l-provi konkludenti u konvincenti ta' dak li l-imputat ikun xehed u tal-falsita' ta' dak li jkun xehed flimkien max-xjenza fih ta' dik il-falsita'.

Huwa veru li fejn u meta jkun hemm in-notamenti tal-Magistrat l-aqwa prova tkun dawk in-notamenti, w allura dik il-prova tkun obbligatorja. Izda meta ma jezistux dawn in-notamenti, il-Qorti ma tistax tiskarta provi ohra, jekk dawn iwasslu ghal konvinciment tal-Qorti dwar l-akkuza ta' spergur. U jekk il-Qorti tasal ghal dan il-konvinciment, ghandha tiddikjara lill-imputat hati skond l-**Artikolu 639(1) tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta.

Ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, li jmeri dak li jkun xehed l-imputat taht gurament, mhix bizzejjed skond l-ligi biex tikkonvinci lill-imputat bhala hati ta' spergur, jekk ma tkunx korroborata b'xi cirkostanza li

tkun tiswa biex tistabilixxi d-delitt ta' spergur ma’ provi ohra migjuba skond l-ligi.

Il-Qorti ghalkemm enuncjat dan il-principju generali, thoss li ghandha taghti tifsira ta’ x'jikkostitwixxi gurament falz. Il-ligi taghna ma taghtix tifsira jew ahjar definizzjoni ezatta ta' x'jikkostitwixxi gurament falz. Pero’ biex jissussisti r-reat ta' spergur, iridu jezistu jew ahjar jikkonkorru flimkien erba’ elementi w cioe:-

1. xhieda moghtija fi procedura kriminali;
2. moghtija taht gurament moghti skond l-ligi minn awtorita’ kompetenti;
3. li tali xhieda hija falza f'materja partikolari u li affettwat id-decizjoni tal-gudikant; u
4. l-volonta’ konxja tal-falsita’ f'tali xhieda.

Il-Kodici taghna ma janalizzax l-element tal-falsita’ pero’ jekk naraw il-ligi Taljana fuq dan il-punt insibu li **Antolisei** a fol. 845 tal-ktieb tieghu *Manuale di Diritto Penale (pt. 11 speciale)* jghid:-

"*Commette questo delitto (i.e. falsa testimonianza) colui che deponendo come testimone inanzi all'autorita’ giudiziaria, afferma il falso o nega il vero ovvero tace, in tutto o in parte, cioe’ che sa intorna ai fatti sui quali e interrogato.*"

Ghalhekk jiehu gurament falz kull min jikkonferma l-falz jew jinnega l-verita'.

Huwa mportanti pero' li dan isir b'mod volontarju w bil-konsapevolezza kollha. Jigifieri li huwa mportanti li jigi ppruvat, apparti l-falsita' attwali w possibilita' ta' hsara lill-amministrazzjoni tal-gustizzja, irid jigi ppruvat i*l-mens rea* li ix-xhud qed jghid il-falz. Minghajr tali intenzjoni kriminali ma jistax jinghad li x-xhud xehed falz.

Dwar l-ewwel element m'hemmx wisq x'jinghad. Dana johrog car mill-qari stess tad-disposizzjoni tal-ligi li titkellem dwar dana r-reat. Jidher illi s-suggett attiv ta' dana r-reat huwa ovvjament ix-xhud. Ghalhekk qabel xejn irid ikun hemm xhieda li tinghata f'kawza pendenti quddiem Qorti tal-Gustizzja w dana fi proceduri gudizzjarji maghmula skond il-ligi. Dana ghalhekk jinkludi kull tip ta' stqarrija li ghandha valur probatorju ghar-rigward tal-fatti esposti. Il-**Mamo** jghid:

*"It must be a cause that is to say contentious proceedings which call for a decision*.

It-tieni element jitkellem dwar l-element oggettiv tar-reat u cioe' x-xhieda falza li trid tkun giet moghtija taht gurament li jigi moghti skond il-ligi minn awtorita' kompetenti ghal dan il-ghan. Kif jghidu l-awturi fosthom il-Manzini dina tista' tkun wahda minn tliet ipotesi u cioe' " *l'affermazione del falso, la negazione del vero o la reticenza*."[1]

Illi l-ahhar zewg elementi huma l-iktar tnejn importanti li jistghu iwasslu ghal kundanna. Dana peress illi dawn jitkellmu dwar in-natura tax-xhieda li tinghata w l-intenzjoni tax-xhud.

Ghalhekk fit-tielet lok il-falsita' trid tkun tirreferi ghal **fatt materjali u determinanti ghall-ezitu tal-kawza**. Il-**Mamo** jghid:

*"In all cases in order that the crime of false testimony may subsist, it is necessary that the falsity be material to the cause. … the law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that the injury caused by the crime subsists. If therefore, the falsity falls upon circumstances which are entirely irrelevant to the cause and which, whether true or false, could in no way influence the result, the crime could not arise because no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist."*

[1] Capitolo XIX Delitti Contro l'amministrazione della giustizia.

Ikompli jikkwota dak li jghid il-**Maino**: "*Perche' sussista la falsa testimonianza … e' necessario che le circostanze falsamente asserite o maliziosamente taciute **siano pertinenti alla causa e influenti sulla decisione di questa***." (sottolinejar tal-Qorti).

L-istess jghid l-**Antolisei**:

"*Affinche' possa farsi luogo alla punizione, per noi e' necessario che la falsita' sia guridicamente relevante, il che significa che deve*

*contrastare con lo scopo della norma incriminatrice. Siccome questa mira ad impedire che l'attivita' giudiziaria sia fuorviata, occorre che il fatto che' e stato comesso abbia la possibilita' di determinare tale risultato. Riteniamo, pertanto che la possibilita' di influire sulla decisione giudiziaria sia requisito implicito del delitto in esame, requisito che si desume dalla ratio della norma o se si preferisce dalla oggettivita' giuridica del delitto medesimo. Ne consegue che debbono considerarsi giuridicamente irrilevanti non solo le falsita' che concernano circostanze estranee alla causa (non pertinenti, come si dice nel linguaggio forense) oppure insignificanti, ma anche tutte le altre che per la loro natura o per l'oggetto a cui si riferiscono **non hanno alcuna possibilita' di turbare il corso dell'attivita' giudiziaria***." (sottolinejar tal-Qorti). [2]

[2] Ibid.

Fl-ahharnett irid ikun hemm l-intenzjoni kriminuza jew l'hekk imsejha *mens rea* tax-xhud li jigdeb taht gurament. Ikompli l-**Mamo**: "*The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or mistake it cannot constitute this crime. … Consequently in order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted*."

L-istess ighid l-Antolisei:

"*Sull'elemento soggettivo di questo reato non sorgono difficolta'. Esso consiste nella coscienza e volonta' di affermare il falso, di negare il vero, oppure di tacere, in tutto o in parte cio' che si sa. Naturalmente il dolo e' escluso dall'errore di fatto, il quale puo' essere anche determinato da dimenticanza, come di frequente accade in pratica*."

Il-**Maino** wkoll isostni:

"*L'elemento intenzionale del delitto di falsa testimonianza e* ***la coscienza di mentire*** *o* ***di nascondere la verita****. … Qualunque errore o*

*dimenticanza esclude il dolo in questo reato, e l'apprezzamento di modesto dolo depende dalle circostanze."*[3]

L-awturi huma kollha konkordi, fis-sens illi sabiex jissussisti dana r-reat bil-fors illi x-xhud irid ikollu l-intenzjoni doluza u cioe' irid volontarjament u bil-hsieb jixhed il-falz jew ma jghidx il-verita'. Jekk hija nieqsa dina l-intenzjoni allura l-ebda xhieda inveritjiera ma tista' twassal ghal xi sejbien ta' htija ghal dana d-delitt.

Il-Qorti ghalhekk trid tezamina dawn l-elementi surreferiti fid-dawl tal-provi akkwiziti f'dana l-process penali.

Illi jinghad li din il-Qorti hija sprovvista mit-traskrizzjonijiet ta' dak li allegatament qal l-imputat meta kien xhud fil-proceduri li kienu qed jinstemghu quddiem din il-Qorti diversament presjeduta nhar it-2 ta' Ottubru 2013. Ghalhekk din il-Qorti trid biss toqghod fuq il-provi rakkolti f'din il-kawza. Il-kwerelant jghid li huwa kien gie akkuzat quddiem din il-Qorti diversament presjeduta li kien qed isuq b'manjiera perikoluza, kif jidher minn ezami tas-sentenza esebita fl-atti a fol. 20 tal-process, u jghid li l-imputat kien gie mharrek xhud f'dawk il-proceduri w kien allegatament stqarr li kien prezenti waqt li huwa kien qed isuq lejn l-ghalqa tieghu u li effettivament kwazi tajjar l-ulied Jacqueline Camilleri. Jghid ukoll li huwa kien flimkien ma' martu w iz-zewg uliedu w jghid li l-imputat ma seta' qatt jghid dak li

3 Commento al Codice Penale – Dei delitti contro l'amministrazione della giustizia.

qal fil-Qori ghaliex dakinhar ma kienx hemm fuq il-post u ghaldaqstant ma seta' ra xejn.

Mart il-kwerelant, u cioe' Yvonne Camilleri tghid li huwa minnu li zewgha l-kwerelant ghadda minn hdejn Jacqueline Camilleri meta kienet fil kumpanija ta' wliedha, pero' tieqaf hemm. Dwar is-sewqan tieghu ma tghid xejn. Tghid pero' li rat lil Jacqueline Camilleri tmur tkellem lil zewgha w lil missierha ftit tal-hin wara waqt li huma kienu qeghdin fl-ghalqa taghhom. Lill-imputat tghid li ma ratux hemm fuq il-post dakinhar. Caroline Camilleri bint il-kwerelant tghid li kienet fil-kumpanija tal-genituri taghha w t'ohtha dakinhar tal-allegat incident, pero' tghid li lill-imputat ma ratux hemm minkejja li rat lil Jacqueline u lil uliedha. Tghid pero' li fl-akwati hemm xi hitan li jostakolaw il-vizwali w hemm xi zewg sigar. Tikkonferma li l-imputat ghandu garaxx fl-akwati w jahdem hemm kuljum. Pero' dwar l-allegata xhieda li ta l-imputat fil-Qorti ma tghid xejn. Diane Camilleri tghid li kienet fil-kumpanija t'ohtha w t'ommha w missierha. Tghid li fl-akwati hemm xi cnut u tikkonferma li dakinhar Jacqueline Camilleri kienet fl-akwati ma' wliedha. Dwar is-sewqan ta' missierha, cioe' l-kwerelant, ma tghid xejn. Tghid biss li meta missierha kien gie akkuzat il- Qorti ma kinitx telghet bhala xhud u li xehdet ghall-ewwel darba dwar dan l-incident f'dawn il-proceduri. Mistoqsija jekk missierha kienx kellimha qabel ma mar jixhed fil-Qorti, tghid li jista' jkun. Tghid ukoll li meta titla' r-rampa w tikser, hemm certu partijiet fejn ma tistax tara bic-car.

Min-naha l-ohra l-imputat xehed u kkonferma li kien fuq il-post dakinhar tal-incident u Jacqueline Camilleri dan tikkonfermah. Jacqueline Camilleri tghid li dakinhar stess marret tkellem lil zewgha w lil missieru, li kienu qed jahdmu, w fil-fatt dan hu kkonfemrat minn mart il-kwerelanti. Tikkonferma w tghid li l-kwerelanti tela' r-rampa b'velocita' eccessiva w kellha tigbed lil uliedha ghaliex kien se jtajjarhomlha.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-provi, w fid-dawl tan-nuqqas ta' provi ta' dak li allegatament l-imputat qal bl-ezatt fil-proceduri li nstemghu fil-konfront tal-kwerelant, din il-Qorti ma thossx li tista' ssib htija tar-reat ta' spergjur. Zgur li ma gietx ipprovata l-volonta' konxja tal-falsita' fix-xhieda ta' l-imputat fil-proceduri li kien hemm pendenti kontra l-kwerelant.

Dwar it-tieni reat, u cioe' li l-imputat halef il-falz quddiem il-Magistrat ai termini tal-**Artikolu 108 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta - kif spjegat aktar 'il fuq - li l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti, liema fatti huma konfliggenti, w fid-dawl tar- rizultanzi kif spjegati aktar 'il fuq ma thossx li b'mod konvint tista' tikkonkludi li l-imputat halef il-falz.

M'hemmx dubju, fid-dawl tal-provi li gew imressqa, li bejn il-kwerelant u l-imputat hemm problemi li jmorru lil hinn minn dan l-

incident u ghalhekk ma teskludix li dan ir-rapport twieled bl-animu ta’ dizgwid u nuqqas ta’ qbil li hemm bejn l-istess familjari Camilleri.

Ghalhekk din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe’ l-Artikoli **105, 108 (1) (a) u 109 tal-Kap. 9** tal-Ligijiet ta’ Malta, tiddikjara li **ma ssibx lill-imputat JOSEPH CAMILLERI** hati tar-reati addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah minnhom.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------